

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-Att dwar is-Suq Uniku – L-identifikazzjoni ta’ miżuri neqsin” (Opinjoni addizzjonali)

(2014/C 67/09)

Relatur: **is-Sinjura FEDERSPIEL**

Korelaturi: **is-Sur SIECKER u s-Sur VOLEŠ**

Nhar l-14 ta’ Frar 2013, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni dwar

L-Att dwar is-Suq Uniku - L-identifikazzjoni ta’ miżuri neqsin

(Opinjoni addizzjonali).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fit-2 ta’ Ottubru 2013.

Matul l-493 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta’ Ottubru 2013 (seduta tas-16 ta’ Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’119-il vot favur, 4 voti kontra u 13-il astensjoni.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ilu jsegwi mill-bidu tal-2010 l-inizjattivi tal-Kummissjoni sabiex jitnieda mill-ġdid is-Suq Uniku. Fl-Opinjoni tiegħu dwar L-Att dwar is-Suq Uniku I⁽¹⁾, huwa elenka għadd ta’ miżuri li fil-fehma tiegħu kienu nieqsa mill-proposti tal-Kummissjoni⁽²⁾. Għandhom jiġu kkunsidrati l-kummenti u l-konklużjonijiet tar-*Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE – Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE*⁽³⁾. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li illum hemm aktar ostakoli għas-Suq Uniku milli kien hemm meta twaqqaf⁽⁴⁾.

1.2 Il-KESE huwa wieħed mill-imsieħba ewlenin fl-organizzazzjoni tax-Xahar tas-Suq Uniku. Il-kontribut tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa element indispensabbli sabiex tingħata attenzjoni adatta lill-miżuri meħtieġa għat-tnedija mill-ġdid tas-Suq Uniku, peress li dawn l-organizzazzjonijiet jintlaqtu minn dawn il-miżuri.

1.3 Il-linja ekonomika tal-UE trid tingħata direzzjoni mill-ġdid wara madwar 30 sena u għandu jitwaqqaf t-twemmin li s-suq ħieles huwa kapaċi jikkoreġi imġiba ħażina tas-suq. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja riċenti ħalliet impatt kbir ħafna fuq iċ-ċittadini: is-sagrifiċċji tagħhom iridu jwasslu għal perspettivi ġodda għax inkella l-appoġġ għall-integrazzjoni Ewropea se jonqos dejjem iżjed. F’dan ir-rigward, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Att dwar is-Suq Uniku I u II qed jittqiesu li qed jimxu bil-mod wisq.

⁽¹⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 99.

⁽²⁾ ĠU C 132, 3.5.2011, p. 47; ĠU C 24, 28.1.2012, p. 99; ĠU C 299, 4.10.2012, p. 165.

⁽³⁾ COM(2010) 603 final.

⁽⁴⁾ Ara l-Katalogu ta’ ostakli għas-Suq Uniku ppubblikat mill-Osservatorju tas-Suq Uniku.

1.4 Għandhom jittieħdu azzjonijiet konkreti għall-ġlieda kontra kull tip ta’ faqar, eżempju fl-enerġija, fil-konsum, u fid-dejn żejjed eċċ, li huwa riżultat tal-kriżi finanzjarja u li jdgħajjef it-tkabbir u l-kisba tas-Suq Uniku.

1.5 Il-KESE tenna kemm-il darba fuq l-importanza tas-sjieda tal-Istati Membri permezz tal-implimentazzjoni u l-infurzar adatti sabiex ikun hemm Suq Uniku li jaħdem kif mixtieq. L-infurzar irid ikollu dimensjoni transkonfinali għada li tinvolvi l-kooperazzjoni. Suq Uniku li jista’ jadatta għall-futur irid jinbena fuq ekonomija sostenibbli u kompetittiva ħafna bbażata fuq proċessi u prodotti sostenibbli, ambjent tax-xogħol diċenti u fuq l-innovazzjoni. Huwa importanti li l-Kummissjoni tqiegħed fil-qalba tas-Suq Uniku l-500 miljun ċittadin tal-UE. Huma jirrappreżentaw saħħa ekonomika importanti li l-infiq tagħhom huwa 56 % tal-PDG tal-UE, kif ġie espress fl-Aġenda tal-Konsumatur tal-Kummissjoni⁽⁵⁾.

1.6 Is-Suq Uniku jrid ikun strument b’riżultati tanġibbli, konformi mal-*acquis* soċjali u ambjentali. Inizjattivi taħt l-SMA I u II iridu jiġu kkoordinati mal-miżuri u l-passi meħuda sabiex tissaħħaħ l-UEM (Patt Fiskali, ESM, Euro plus, eċċ.)

1.7 In-negożjati dwar ftehimiet ta’ kummerċ ħieles iridu jintużaw sabiex tiġi inforzata sitwazzjoni ta’ kundizzjonijiet indaqs, bħal pereżempju r-riċiprocità tat-tariffi, filwaqt li jinżammu l-istandards għoljin tal-protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll il-ħarsien ambjentali u soċjali. Filwaqt li tikkompeti ma’ atturi globali, l-UE trid tiżgura elementi li se jsaħħu l-kompetittività tagħha, bħal riżorsi tal-enerġija aċċessibbli, forza tax-xogħol b’hilliet speċjalizzati u suq tax-xogħol flessibbli.

⁽⁵⁾ ĠU C 11, 15.01.2013, p. 54.

2. Is-Suq Uniku diġitali

2.1 Ir-Regolament adottat riċentement dwar id-distribuzzjoni selettiva żamm id-diskriminazzjoni bejn kanali ta' distribuzzjoni "off-line" u "on-line" billi ppermetta li ċerti distributori jkunu meħtieġa jkollhom ħanut jew uffieċċju mibnija (tal-ġebel) qabel ma jkunu jistgħu jwettqu attivitajiet ta' bejgħ onlajn. Ir-regolament il-ġdid mhux se jwaqqaf id-distribuzzjoni selettiva ta' prodotti ta' kuljum, li tista' tkun ta' ħsara għall-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumatur.

2.2 Il-Kummissjoni Ewropea għandha tibqa' soda fil-pożizzjoni tagħha u tikkonferma l-prinċipju tan-newtralità tat-tiftix (search neutrality principle) li skontu l-magni tat-tiftix m'għandhomx jimmanipulaw r-riżultati naturali għall-interessi kummerċjali tagħhom. Mhumiex biżżejjed rimedji bbażati fuq it-tikkettar tar-riżultati tat-tiftix sabiex tingħata haġja ġdida lill-kompetizzjoni, titwaqqaf l-imġiba anti-kompetittiva u jitħeġġeġ il-benessri tal-konsumatur.

2.3 Protezzjoni tad-data

2.3.1 Meta r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data rivedut jiġi adottat, se jkun importanti li l-Istati Membri jingħataw linji gwida dwar dispożizzjonijiet speċifiċi, biex b'hekk jiġi żgurati li jiġu implimentati b'mod koerenti.

2.3.2 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-iżvilupp ta' notifiki ta' privatezza standard. Ir-regolament il-ġdid jinkludi dispożizzjoni li teħtieġ li l-politiki ta' privatezza jkunu trasparenti u faċli li jinftiehem mill-konsumaturi. L-iżvilupp ta' notifiki ta' privatezza standard se jgħin biex jiġi żgurati li konsumaturi jkunu informati b'mod adattat dwar l-ipproċessar tal-informazzjoni personali tagħhom u li politiki ta' privatezza ma jibqgħux testi legali kumplessi. Għandu jiġi żgurati li n-negozji, speċjalment l-SMEs, ma jkunux soġġetti għal piż amministrattiv u spejjeż sproporzjonati.

2.4 Dritt tal-Awtur

2.4.1 Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju ta' qabel, Vitorino, il-Kummissjoni Ewropea trid tadotta azzjoni ta' segwitu biex tiżugra li s-sistemi attwali ta' ħlas tad-dritt tal-awtur jiġu eliminati progressivament. Fuq medda qasira ta' żmien, is-sistema attwali għandha tkun riformata u għandu jiġi kkjarifikat li l-kontenut diġitali soġġett għal ftehimiet ta' liċenzjar m'għandux jintalab aktar ħlas għalih, minħabba li jittella' fil-cloud jew jinżamm fil-cloud minn fornitur tas-servizz. Huwa importanti wkoll li l-ħlas tad-dritt tal-awtur ikun viżibbli għall-utent aħħar, u li l-ħlasijiet jiġu kkalkolati abbażi tal-ħsara ekonomika kkawżata mill-ikkuppjar privat.

2.4.2 Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur tal-2001 ma rnexxillhiex tilħaq l-objettiv ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur fl-Istati Membri tal-UE. Jeżistu differenzi sinifikanti fir-rigward tal-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li johlolqu inċertezza legali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għal min johlol il-kontenut. Ir-reviżjoni ta' din id-direttiva għandha tkun prijorità.

2.4.3 Is-sistema attwali għad-distribuzzjoni tal-kontenut awdjoviżiv, imsejsa fuq il-ħruġ fis-suq fuq pjattaforma u skont it-territorju, trid tiġi adattata għall-ambjent diġitali u tirrispondi

għall-aspettattivi tal-konsumaturi. Il-ħruġ fis-suq kronoloġiku ta' films fuq midja (ċinema, DVD, Video on Demand) u f'territorji differenti għandu jitnaqqas u jippermetti għal ċertu ammont ta' flessibilità. Hemm spazju għal sperimentazzjoni b'mudelli ta' negozju innovattivi li jkunu jistgħu jippermettu data waħda għall-ħruġ fis-suq ta' kontenut awdjoviżiv f'pajjiżi bi tradizzjonijiet kulturali u lingwistiċi komuni.

2.5 Prodotti diġitali

2.5.1 Huwa neċessarju li jitkompla l-proċess ta' armonizzazzjoni li beda bid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur fl-2011 bir-reviżjoni u l-aġġornament tad-Direttiva dwar il-Bejgħ lill-Konsumatur tal-1999 sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ekonomija diġitali: huma meħtieġa b'mod urġenti rimedji f'każi ta' prodotti ta' kontenut diġitali li huma difettivi.

2.5.2 Il-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali mhux ġusti (Direttiva 1993/13/KEE) f'kuntratti tal-konsumatur għall-provvediment ta' kontenut diġitali.

3. Prodotti u servizzi

3.1 F'Settembru 2013 il-Kummissjoni Ewropea ressqet pakkett leġislattiv għall-ikkompletar tas-Suq Uniku tat-Telekomunikazzjonijiet. Il-KESE jinnota b'dispaċir li l-proposta titef l-oportunità li tkompli tnaqqas it-tariffi tar-roaming u b'hekk tkun qed ittejjeb is-Suq Uniku għaċ-ċittadini Ewropej. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-regoli proposti sabiex jiġi faċilitat il-bdil ta' operaturi mill-konsumaturi, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet kuntrattwali u Prattiki kummerċjali aktar ġusti, u biex ikun hemm infurzar aħjar u aċċess għar-rimedju. Ir-regoli dwar in-newtralità tal-internet huma fid-direzzjoni t-tajba iżda hemm bżonn li jissaħħu.

3.2 Il-proporzjon ta' setturi armonizzati ma' dawk mhux armonizzati jilħaq il-ħtiġijiet bażiċi tal-ekonomija. Kwalunkwe attentat ieħor biex jiġu armonizzati setturi oħrajn tal-prodotti jrid ikun ibbażat fuq analiżi dettata. Għal setturi mhux armonizzati koperti mill-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar ir-rwol u l-istatus legali ta' korpjiet ta' testjar privati li ma jaċċettawx ċertifikati maħruġa minn korpi ta' testjar minn pajjiżi oħrajn. Għandha tiġi kompluta l-lista bilingwi ta' prodotti mhux armonizzati fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni Ewropea.

3.3 Għad m'hemmx Suq Uniku għas-servizzi finanzjarji bl-imnut għall-konsumaturi. Minħabba ostakoli tan-negozju u kummerċjali, bażikament huwa impossibbli għal konsumaturi li jixtru servizzi finanzjarji barra minn pajjiżhom. Id-differenzi kbar attwali f'termini ta' kwalità u prezz bejn kontijiet tal-bank, kontijiet ta' tfaddil u krediti ipotekarji, eċċ. bejn l-Istati Membri jista' jfisser li jkun interessanti għal konsumaturi li jixtru prodotti finanzjarji minn pajjiżi oħrajn. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tanalizza din is-sitwazzjoni u tipp-poni inizjattivi. Il-konsumaturi ġieli ma jingħatawx rakkomandazzjonijiet/pariri oġġettivi u indipendenti fir-rigward tad-deċiżjonijiet finanzjarji ewlenin tagħhom, marbuta mat-tfaddil għall-irtirar, investimenti oħrajn jew kreditu fit-tul. Għandhom jiġu promossi mudelli ta' pariri finanzjarji indipendenti u affordabbli.

3.4 L-infurzar f'relazzjoni mas-servizzi finanzjarji għadu mhux sodisfaċenti: xi Stati Membri m'għandhomx korp pubbliku responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur. U meta jeżistu dawn il-korpi għandhom poteri legali li sikwit huma limitati wisq. Barra minn hekk, l-Awtoritajiet ta' Superviżjoni Ewropej (EBA – l-Awtorità Bankarja Ewropea, ESMA – l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u EIOPA – l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) stabbiliti sentejn ilu, m'għandhomx mandat b'saħħtu biżżejjed fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur. Il-kompetenzi tagħhom f'dan ir-rigward għandhom jiġu estiżi, u l-awtoritajiet għandhom ikunu jistgħu jikkoordinaw mal-awtoritajiet nazzjonali.

3.5 Is-Suq Uniku għas-Servizzi, inklużi s-servizzi tal-infrastruttura tan-netwerk (telekomunikazzjonijiet, elettriku, gass, trasport u assicurazzjoni), għandu l-ikbar potenzjal għal iktar titjib. It-titjib tal-prestazzjoni ta' punti ta' kuntatt waħdanin fl-Istati Membri kollha huwa prerekwiżit sabiex id-direttiva tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet regolatorji għat-tneħħija ta' ostakoli li joħorġu fid-dieher permezz tar-reviżjoni ta' bejn il-pari tal-implimentazzjoni tad-direttiva⁽⁶⁾. Il-KESE jappella għal bażi tad-data kompleta tar-reġimi ta' permessi kollha sabiex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u jiġu nnotati rekwiżiti inutli u mhux aċċettabbli tal-awtoritajiet li joħorġu l-permessi.

4. Moviment liberu tal-ħaddiema

4.1 Il-KESE jappoġġja l-passi meħuda biex jitjeb il-moviment liberu tal-forza tax-xogħol, inkluż it-tneħħija ta' ostakoli bħall-għarfien tal-kwalifiki. B'mod speċjali huwa neċessarju li tiġi modernizzata u liberalizzata din is-sistema, tiżdied il-koordinazzjoni fis-settur tal-kura tas-saħħa sabiex jiġu evitati nuqqasijiet tal-forza tax-xogħol fil-pajjiżi li jibagħtu ħaddiema, tiġi approfondita l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u jinholq one-stop-shop sabiex jiġu faċilitati l-proċeduri ta' reġistrazzjoni⁽⁷⁾.

4.2 Id-direttiva qafas ġenerali, id-direttivi assoċjati u l-monitoraġġ permanenti permezz ta' pjani strateġiċi pluriennali rriżultaw fil-konverġenza ta' regoli ta' sikurezza (inklużi rekwiżiti minimi) li huma rikonoxxuti mill-ħaddiema, inklużi dawk (temporanji u mobbli) f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Mill-1978 'l hawn dan il-proċess twettaq b'mod kontinwu minn Pjani ta' Azzjoni suċċessivi. Meta l-aħħar wieħed wasal fi tmiemu f'Diċembru 2012 il-Kummissjoni ma bdietx Pjan ta' Azzjoni ġdid. Sabiex tkompli b'dan il-proċess ta' konverġenza, il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta b'mod urġenti Strateġija ġdida tal-UE ta' Pjan ta' Azzjoni li jippromovi standards ta' sikurezza għoljin (kif enfasizzat mill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fil-Post tax-Xogħol) f'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali.

4.3 L-irtirar tar-regolament Monti II ma jsolvix il-problemi maħluqa mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha li

⁽⁶⁾ L-Osservatorju tas-Suq Uniku tal-KESE se jevalwa l-impatt tad-Direttiva tas-Servizzi fuq is-settur tal-konstruzzjoni f'għadd ta' Stati Membri mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili.

⁽⁷⁾ C. Dhéret; A. Lazarowicz; F. Nicoli; Y. Pascouau; F. Zuleeg. *Making progress towards the completion of the Single European Labour Market*. Studju tal-EPC Nru 75, Mejju 2013.

huma bbażati fuq leġislażzjoni inadegwata tal-UE dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema⁽⁸⁾ u l-implimentazzjoni tagħha. L-imsieħba soċjali Ewropej ma setgħux jilhq u ftehim dwar dan. Minkejja dan, il-Kummissjoni għanda tikkunsidra proposta lill-Istati Membri biex mat-Trattati Ewropej jiġi mehmuż protokoll ta' progress soċjali fejn ikun iddikjarat li d-drittijiet soċjali mhumiex subordinati għal-libertajiet ekonomiċi. Dan għandu jikkjarifika li s-Suq Uniku mhuwiex għan aħħari fil-innifsu, iżda ġie stabbilit ukoll sabiex ikun hemm progress soċjali u prosperità għaċ-ċittadini kollha tal-UE⁽⁹⁾.

4.4 Fejn ma jiġu rispettati d-drittijiet sostantivi tal-UE, il-ħaddiema, il-konsumaturi u n-negozji għandhom ikunu kapaċi jinforzaw id-drittijiet mogħtija lilhom mil-leġislażzjoni tal-UE. Madankollu, f'dan il-kuntest l-UE tirriferi biss għad-drittijiet tal-konsumaturi u tan-negozji. Hemm bżonn li l-ħaddiema ikollhom l-istess possibbiltà biex jinforzaw id-drittijiet mogħtija lilhom mil-leġislażzjoni tal-UE f'kunflitti transkonfinali relatati max-xogħol. Għalkemm ġieli jingħad li ħaddiema għandhom aċċess għal ġustizzja u jistgħu jfittxu rimedju, ir-rispett tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-dispożizzjonijiet legali permezz tal-qrati lokali fil-pajjiżi ospitanti, fil-prattika jintbagħtu lill-qrati f'pajjiżhom⁽¹⁰⁾.

5. Traspożizzjoni, implimentazzjoni u infurzar

5.1 Sfida ġdida għall-infurzar tad-drittijiet tal-konsumaturi tiġi mill-kumpaniji jew l-assoċjazzjonijiet internazzjonali l-kbar li japplikaw strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni madwar l-Ewropa kollha li ma jistgħux jiġu trattati minn kunċetti ta' infurzar nazzjonali. L-objettiv għandu jkun kooperazzjoni aħjar bejn awtoritajiet ta' infurzar nazzjonali u rwol iżjed prominenti għall-Kummissjoni Ewropea fil-koordinazzjoni konġunta ta' dawn l-azzjonijiet. Għandhom jiġu sfruttati aħjar sinerġiji bejn atturi ta' infurzar pubbliċi u privati, bħall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi.

5.2 Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' infurzar nazzjonali saret kwistjoni ewlenija iżda sal-lum ma kellhix ħafna suċċess. Il-Kummissjoni Ewropea għandu jkolha rwol iktar b'saħħtu fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' infurzar nazzjonali f'każi ta' ksur tal-liġi tal-konsumatur b'dimensjoni li tolgot l-Ewropa kollha. Barra dan, għandha tkompli ssir diskussjoni dwar l-għoti tas-setgħat lill-Kummissjoni Ewropea biex tinforza l-liġi tal-UE dwar il-konsumatur (bħal fil-każ tal-liġi tal-kompetizzjoni)⁽¹¹⁾.

6. Kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-konsumatur

6.1 Il-KESE jiddispaċi li għet proposta biss inizjattiva mhux vinkolanti dwar rimedju kollettiv wara dawn is-sni kollha u minkejja li twettqu erba' konsultazzjonijiet. Barra minn hekk, il-prinċipji mħaddna fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-konsumaturi u lanqas m'huma biżżejjed biex jilhq u l-istatus quo fxi Stati Membri.

⁽⁸⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE, ĠU C 76, 14.3.2013, p. 24.

⁽⁹⁾ Art. 3.3. TUE

⁽¹⁰⁾ http://www.uva-aias.net/uploaded_files/publications/WP118-Cremers,Bulla.pdf

⁽¹¹⁾ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-13-228_en.htm

6.2 Prattiki kummerċjali mhux ġusti

6.2.1 L-oġġettiv għandu jkun l-infurzar aħjar tad-Direttiva dwar prattiki kummerċjali mhux ġusti, b'mod partikolari fl-ambjent diġitali: notevolment il-kummerċ elettroniku (pereżempju prattiki li jqarrqu lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom għal garanzija legali, u kundizzjonijiet kuntrattwali mhux trasparenti u mhux ġusti) u fis-settur tat-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ibbukkar onlajn, eċċ.

6.3 Standardizzazzjoni ta' informazzjoni prekuntrattwali għal kuntratti tal-konsumatur

6.3.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva proposta fl-Aġenda tal-Konsumatur tal-2012 dwar l-istandardizzazzjoni ta' informazzjoni prekuntrattwali, stabbilita fl-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur. Dan għandu jgħin biex informazzjoni prekuntrattwali tkun komprensiva, trasparenti u faċli li wieħed ikollu aċċess għaliha u jaqraha. Dan l-eżerċizzju jkun jeħtieġ l-għajnuna u l-appoġġ ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u jieħu kunsiderazzjoni tar-riċerka dwar l-imġiba tal-konsumaturi lejn l-ammont ta' informazzjoni (pereżempju SWD(2012) 235 final, 19 ta' Lulju).

6.4 Kummerċ elettroniku u l-forniment transkonfinali

6.4.1 Huwa neċessarju li jiġu indirizzati l-problemi ta' preżżijiet għoljin/ogħla għall-forniment transkonfinali meta mqabbla mal-forniment domestiku u li jinħolqu swieq onlajn iktar kompetittivi. Il-prezz tal-forniment transkonfinali ta' sikwit tant ikun għoli li x-xiri barra mill-pajjiż mhuwiex vantaġġ reali għall-konsumatri, anke jekk il-prezz tal-prodott huwa irħas. Studju li sar għall-Kummissjoni Ewropea fl-2011⁽¹²⁾ ikkonferma li preżżijiet transkonfinali ppubblikati għal pakketti huma medja ta' darbtejn ogħla mill-preżżijiet ta' riferiment domestiċi.

6.5 Informazzjoni għall-konsumatur

6.5.1 Partijiet kbar mil-liġi Ewropea, kif ukoll dik nazzjonali, huma bbażati fuq l-idea li konsumaturi informati huma konsumaturi li għandhom is-setgħa li jagħżlu l-aħjar prodotti u servizzi possibbli. L-informazzjoni għall-konsumatur għadha waħda mill-għodda regolatorji ewlenin iżda l-limiti tagħha huma magħrufa tajjeb, peress li l-konsumaturi ta' spiss ma jaqrawx jew ma jifhemx l-informazzjoni kuntrattwali, li hija miktuba u ppreżentata b'mod inkomprensibbli. Il-Kummissjoni għandha tistudja u ssegwi b'miżuri ta' politika maħsuba biex itejbu l-informazzjoni għall-konsumatur u tinvolvi lin-negozji, lir-regolaturi u lill-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi.

6.5.2 Il-ħidma li bdiet il-Kummissjoni dwar prinċipji għal għodod ta' tqabbil, bħall-indipendenza u imparzjalità, għandha twassal b'mod urġenti għal miżuri ta' politika konkreti, inklużi linji gwida għal regolaturi u negozji.

6.6 Prodotti sostenibbli

6.6.1 Is-sostenibbiltà u s-sikurezza tal-prodott minn naħa, u l-fiduċja tal-konsumaturi min-naħa l-oħra, huma żewġ uċuħ

tal-istess munita. L-iskadenza ppjanata ta' prodotti (limitazzjoni inkorporata tad-durabilità) bħala strateġija kummerċjali tikkontradixxi l-prinċipji tal-produttjoni u l-konsum sostenibbli. Il-Kummissjoni Ewropea għandha teżamina hteġa possibbli li l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tad-durabilità ta' prodott jintrabtu mal-perjodu tal-garanzija legali. Il-Kumitat jenfasizza li miżuri dwar id-durabilità u l-ħajja ta' servizz, is-servizz ta' wara l-bejgħ u inventarji ta' spare parts għandhom jippromovu l-konsum u l-produttjoni sostenibbli⁽¹³⁾.

7. Ambjent tan-negozju

7.1 Il-KESE jappella għal tnaqqis fil-piż amministrattiv, b'mod speċjali għall-SMEs, filwaqt li jenfasizza l-hteġa li tiġi applikata regolamentazzjoni intelliġenti fil-livell tal-UE u nazzjonali⁽¹⁴⁾. L-Istati Membri għandhom juru t-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE onlajn u fil-ħin reali, jinvolvu lis-soċjetà ċivili fil-proċess ta' traspożizzjoni u jżidu l-għarfien tal-pubbliku dwar ir-regoli l-ġodda.

7.2 Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-kumpaniji żgħar u mikro fi ħdan il-grupp tal-SMEs meta tkun qed tipprepara valutazzjonijiet tal-impatt u tfassal testi leġislattivi; u li negozji mikro, żgħar u ta' daqs medju għandhom jiġu ttrattati bħala tliet gruppi separati u mhux bħala grupp wieħed definit bħala SMEs⁽¹⁵⁾.

7.3 L-aċċess għall-finanzzi huwa kruċjali, b'mod partikolari għall-SMEs. L-UE trid tappoġġja l-bidla minn finanzjament mill-banek (li ġeneralment jiddomina) għal prodotti kapitali oħrajn bħall-kapital tar-riskju u s-swieq kapitali. Sabiex dan jaħdem, l-investituri jridu jħossu li hemm ambjent ta' investiment stabbli bi strateġiji fit-tul.

7.4 Il-KESE jirrakkomanda l-valutazzjoni tal-possibilità tal-istabbiliment ta' fond finanzjarju garantit Ewropew li jipprovdi lill-SMEs li jikkwalifikaw skont ċerti kriterji bażiċi bil-mezzi finanzjarji permezz ta' sistema li tkun tippermetti li l-kumpanija eleġibbli jkollha aċċess faċli għall-kreditu mingħajr l-involviment ta' kollateral jew kundizzjonijiet oħrajn li s-soltu jintalbu mill-banek. Il-ġestjoni ta' din is-sistema għandha tinvolvi organizzazzjonijiet rappreżentattivi tan-negozju responsabbli għan-negozju kkwalifikat⁽¹⁶⁾.

7.5 Iż-żieda fit-trasparenza u r-responsabbiltà għandha tkun l-ogħla prijorità sabiex is-Suq Uniku jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-iżvilupp ta' ambjent legali li jirrispetta l-interessi leġittimi tal-partijiet interessati kollha. Inizjattivi dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva għandhom ikopru l-abbuż possibbli tas-sottokuntrattar u l-esternalizzazzjoni, l-iżjed relatati mal-forniment ta' servizzi transkonfinali u/jew ir-reklutaġġ tal-ħaddiema. Strument legali tal-UE għandu jiġi kkunsidrat fil-għieda kontra l-abbuż minn u ta' kumpaniji hekk imsejħa

⁽¹³⁾ ĠU C 66, 3.3.1997, p. 5.

⁽¹⁴⁾ Għażla possibbli tista' tkun il-prinċipju tar-Renju Unit "one-in/one-out" (bażikament, jekk tiġi introdotta regolazzjoni ġdida, oħra trid titneħħa).

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Regolamentazzjoni intelliġenti: tweġiba għall-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju", ĠU C 327, 12.11.2013, p. 33.

⁽¹⁶⁾ Ara l-esperjenza tal-hekk imsejħa "karta Seczenyi" fl-Ungerija.

⁽¹²⁾ *Intracommunity cross-border parcel delivery* – Studju għall-Kummissjoni Ewropea, FTI Consulting, Londra 2011.

"letterbox companies" li jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni għall-SMEs, iduru mal-istandards tax-xogħol u jevitaw pagamenti statutorji. L-azzjoni legali kontra impriżi mhux ġenwini attivi madwar l-Ewropa trid tkun faċilitata mhux biss fil-pajjiż tal-orijini iżda wkoll fl-Istati Membri l-oħra.

8. Tassazzjoni

8.1 Hija meħtieġa kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri u fil-livell globali dwar it-trasparenza u l-informazzjoni fir-rigward ta' kontijiet bankarji fl-UE sabiex tiġi miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa, li tammonta għal triljun ewro fl-UE. Il-KESE jappella għal ftehim li jsir malajr dwar id-Direttiva tal-UE dwar it-Tfaddil u dwar mandati sabiex jiġu negozjati ftehimiet tat-taxxa iktar b'saħħithom mal-Isvizzera u ma' pajjiżi oħra.

9. Netwerks

9.1 Enerġija

9.1.1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti" ta' Novembru 2012 hija pass importanti lejn il-ħolqien ta' suq intern tal-enerġija sal-2014. Għandu jsir iktar progress billi jitqiesu r-realtajiet li jiffaċċjaw il-konsumaturi Ewropej tal-enerġija. Irid ikun faċilitat il-bdil tal-fornituri tal-enerġija u l-konsumaturi jridu jakkwistaw pariri indipendenti sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu x'inhu l-aħjar għalihom. Regolaturi nazzjonali proattivi, li għandhom is-setgħa meħtieġa biex jimmonitorjaw kontijiet, bdil u ilmenti tal-konsumaturi, huma ta' importanza ewlenija għas-Suq Uniku.

9.1.2 L-UE għandha tiddiversifika s-sorsi tagħha għall-importazzjoni tal-enerġija, u ssib alternattivi u toħloq netwerks. L-appoġġ għal xi sorsi ta' enerġija rinnovabbli jista' jwassal għad-distorsjoni tas-suq, u għalhekk dan it-tip ta' appoġġ għandu jitnaqqas b'mod gradwali. Għandhom jiġu stabbiliti

one-stop-shops sabiex il-proċeduri għall-għoti ta' permessi jsiru iktar mgħaġġla, iktar trasparenti u sempliċi. Dan għandu jnaqqas b'mod sinifikanti l-piż fuq il-promoturi li lesti jinvestu fl-infrastruttura tal-enerġija.

9.2 Trasport

9.2.1 Il-proliferazzjoni ta' kundizzjonijiet mhux ġusti fil-kuntratti tat-trasport bl-ajru hija kwistjoni ta' tħassib dejjem ikbar madwar l-UE. Fis-snin riċenti, diversi organizzazzjonijiet tal-konsumaturi ħadu azzjoni legali kontra linji tal-ajru Ewropej ewlenin li wassal biex qrati nazzjonali ddikjaraw bħala mhux ġusti ħafna mill-kundizzjonijiet użati b'mod komuni mil-linji tal-ajru. Il-Kummissjoni Ewropea tilfet l-opportunità li tindirizza din il-kwistjoni fir-reviżjoni tagħha tar-regolament 261/2004 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport b-ajru. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi lista vinkolanti ta' klawżoli mhux ġusti għal kuntratti ma' passiġġieri tat-trasport bl-ajru.

9.2.2 Għal funzjonament aħjar tas-Suq Uniku hemm bżonn li jiġu promossi **servizzi u prodotti ferrovjarji** u trasport multimodali⁽¹⁷⁾. Għandhom isiru iktar sforzi sabiex jiġu adottati l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabilità⁽¹⁸⁾.

9.2.3 It-trasportaturi ta' prodotti bit-triq għandhom restritti fl-operazzjonijiet transkonfinali tagħhom (kabotaġġ). Għad m'hemmx il-kundizzjonijiet biex ikun jista' jinfetaħ aktar is-suq tal-UE tat-trasport tal-merkanzija. Il-bidliet fir-regoli tal-UE dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport (inkluż il-kabotaġġ) għandhom jintrabtu mal-armonizzazzjoni fil-qasam tal-infurzar u fl-oqsma soċjali u fiskali. Mingħajr dawn il-prekundizzjonijiet, bidliet fir-regoli ta' kabotaġġ jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni ġusta u s-sostenibilità tas-settur. Ir-regoli eżistenti jridu jiġu infurzati fil-frattemp⁽¹⁹⁾.

Brussell, 16 ta' Ottubru 2013

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁷⁾ Ara l-opinjonijiet tal-KESE, ĠU C 143, 22.5.2012, p. 130 and ĠU C 24, 28.1.2012, p. 146.

⁽¹⁸⁾ COM(2013) 32 final: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-progress li sar sabiex tinkiseb l-interopereabilità tas-sistema ferrovjarja.

⁽¹⁹⁾ Kif ġie maqbul mill-imsieħba soċjali fid-djalogu soċjali settorjali, <http://www.iru.org/cms-file-system-action/Webnews2012/CabotageStatement.E.pdf>.